**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Seduta ta` nhar it-Tlieta 6 ta` Novembru 2018.**

**Talba Nru: 369/2018PA**

**Nigel Mifsud**

**vs**

**Oreste Chircop**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fid-9 ta` Mejju 2018 li permezz tiegħu l-attur talab li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut iħallsu s-somma ta` seba' mija, sitta u disgħin Ewro u tletin ċenteżmu (€796.30ċ) rappreżentanti arretrati ta` provvista tas-servizzi ta` dawl u ilma fil-fond d34, Triq l-Annunziata, Tarxien, liema fond ġie akkwistat mill-attur mingħand Oreste Chircop bis-saħħa ta` subbasta miżmuma taħt l-awtorita` tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-19 ta` Ottubru 2017. Bl-ispejjeż, inkużi dawk tal-mandat ta` sekwestru kawtelatorju mumru 1643/2018 preżentat kontestwalment, kontra l-konvenut, u bl-imgħax mid-data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba.

Ra d-dokument ppreżentat mill-attur mal-Avviż tat-Talba, senjatament tal-kont tad-dawl fis-somma mitluba bil-kawża għas-servizz provdut lill-konvenut fil-fond imsemmi sat-28 ta` Mejju 2018 (fol. 4).

Ra r-Risposta tal-konvenut preżentata fl-14 ta` Settembru 2018 li permezz tagħha eċċepixxa li: (i) l-pretensjonijiet imressqin huma infondati fil-fatt u fid-dritt bl-ispejjeż kontra l-istess attur; (ii) preliminarjament, dawn il-proċeduri huma tempestivi iktar u iktar meta l-affarijiet kienu imxew għall-konklużjoni pożittiva tagħhom; (iii) filwaqt li dak pretiż hu kontestat, għandha tiġi kjamata fil-kawża Josephine Concetta sive JoeConnie Chircop, illum Bartolo, biex tirrispondi għall-ħlas ta` din is-somma li tirrifletti dak li kien dovut minnha u mhux mill-esponent. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Ra li fl-udjenza tad-19 ta` Settembru 2018, fuq talba tat-Tribunal, il-konvenut spjega li t-tieni eċċezzjoni tiegħu għandha tinftiehem bħala eċċezzjoni ta` pagament tal-ħlas mitlub bl-azzjoni.

Sema’ x-xiehda tal-attur, u ra d-dokumenti eżibiti minnu.

Ra li, b’digriet mogħti fit-3 ta` Ottubru 2018, dan it-Tribunal ċaħad it-talba tal-konvenut għas-sejħa f’din il-kawża ta` mart il-konvenut JoeConnie Bartolo, u dan mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe jedd ta` rivalsa li l-konvenut jista` jkollu kontra martu, jew terzi, fir-rigward ta` din il-pendenza.

Ra li, fl-udjenza tal-31 ta` Ottubru 2018, il-konvenut ippreżneta nota li permezz tagħha ammetta t-talba kif dedotta fl-Avviż tat-Talba.

Jidhirlu li t-talba tal-attur tirriżulta ampjament pruvata, mhux biss bl-ammissjoni tal-konvenut, imma anke bix-xiehda u l-provi dokumentali mressqa mill-attur innifsu. Mir-riċerka li għamel it-Tribunal, jirriżulta wkoll li l-attur ippreżenta mandat ta` sekwestru mal-Avviż tat-Talba odjern sabiex jikkawtela l-pretensjoni tiegħu dedotta b’din il-kawża.

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta` u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa’ t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma mitluba seba’

mija, sitta u disgħin Ewro u tletin ċenteżmu (€796.30ċ), bl-imgħax u bl-ispejjeż kif mitluba fl-Avviż tat-Talba.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**ĠUDIKATUR**